# Mara Tad-Dnub

*Ta'* ARTHUR V. VASSALLO

*Għalhekk meta ssoktaw jistaqsuh, Huwa qam u qalilhom, Dak li fost-kom qatt ma dineb f'ħajtu ħalli jitfgħelha l-ewwel ġebla.*
(S. Ġwann, viii, 7.)

Tiġini ħasra x'ħin narak mitluqa.
tiġġerra mat-triqat, bla lġiem, mormija,
qisek xi ruħ imsejkna titlob ħniena
għax minn kulħadd minsija.

Dnubietek kbar. Il-biża' li ħatfitek
fil-bidu ta' dil-ħajja, d-dehriet boloh
li ma ħallewkx tistrieħ x'ħin kont tmidd rasek
fid-dlam ta' ljieli koroh,

dawn kollha maż-żmien kesħu madwar qalbek
u redgħu minnha s-sħana li tħaddimha.
Il-lum il-biża' mar, id-dehriet għabu,
u l-qalb m'għadekx tifhimha.

Tiġini ħasra; għax jien mhux biss il-ħażen
li fih imdardar ġiehek nilmaħ fik,
iżda t-taqlib ta' ħajtek l-imgħoddija
u ż-żmien li daħak bik.

Narak u jisgħobbija. Taħt is-sejħa
ta' tbissima miżbugħa, tqila, mdejqa,
jien nara fik dawk l-irqaqat ta' ħlewwa
li jagħnu l-isbaħ ħlejqa.

Għax tabilħaqq li tlift dik it-tjubija
w is-satra, żewġ egħliem li jagħżlu 'l mara;
iżda għadha qalbek hemm bħal ta' ħaddieħor
u mhux ta' min jaħqarha.

Niftakar darba qalli ħabib tiegħi,
"Lil dawn ma tridx turihom l-iċken ħniena."
"Għaliex," staqsejtu, "qatt ma smajt ewwilla
bil-fidwa tal-Madliena?"

Londra, Mejju, 1943.